Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1470/2002/1

***A M Mangion Ltd***

***vs***

***Denning Investments Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm554.80c) rappresentanti bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' merci mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta mis-

socjeta' attrici fuq istruzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta u a beneficcju taghha.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data meta giet ikkonsenjata il-merkanzija kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Elena Depasquale ghas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm554.80c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**